

Brussell, 10 ta' Novembru 2021  
(OR. en)

13196/1/21  
REV 1

COH 59

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-kontribut tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-irkupru, is-sostenibbiltà kompetittiva, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-reżiljenza u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali - sfidi u opportunitajiet fis-snin li ġejjin = Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

Fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-politika ta' koeżjoni tat-18 ta' Novembru li ġej, il-Ministri inkarigati mill-politika ta' koeżjoni huma mistiedna jipprovdu aktar gwida politika dwar il-kontribut tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-irkupru, is-sostenibbiltà kompetittiva, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-reżiljenza u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali - sfidi u opportunitajiet fis-snin li ġejjin, abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-anness għal din in-nota.

**Dokument ta' informazzjoni - KAĠ Koeżjoni 18 ta' Novembru 2021*****Il-kontribut tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-irkupru, is-sostenibbiltà kompetittiva, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-reżiljenza u l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali*****Sfidi**

Matul dawn l-aħħar deċennji, id-disparitajiet reġionali madwar l-UE kienu qed jonqsu b'konverġenza notevoli fil-livelli tal-PDG. Madankollu, l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008 irriżulta fi progress irregolari minn dak iż-żmien u, barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 ħolqot tfixkil għdid. B'mod partikolari, filwaqt li l-konverġenza kompliet tkun robusta fl-Istati Membri tal-Lvant, ħafna mir-reġjuni b'introjtu medju fin-Nofsinhar tal-UE u xi wħud mir-reġjuni fl-Istati Membri tal-Majjistral minflok naqsu meta mqabbla mal-UE, u b'hekk urew li l-progress jista' jitreġġa' lura.

Il-politika ta' koeżjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti biex jitnaqqsu ħafna minn dawn id-disparitajiet. Is-servizzi tal-Kummissjoni jistmaw li l-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-2014-2020 kellhom impatt sinifikanti fuq il-PDG per capita, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas żviluppati, li huma mistennija jikbru b'2.6 % addizzjonali. Il-projezzjonijiet jissuġġerixxu li d-distakk bejn ir-reġjuni l-aktar sinjuri u dawk l-aktar foqra (fejn kull wieħed jirrappreżenta 10 % tal-popolazzjoni tal-UE) ser jonqos bi 3.5 %.

Il-pandemija tal-COVID-19 ġabet magħha sensiela ta' sfidi li qatt qabel ma immaġinajna għall-koeżjoni territorjali tal-UE b'mod ġenerali. Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 hija reċenti wisq biex jiġi vvalutat b'mod sħiħ l-impatt tagħha fuq ir-reġjuni tal-UE, l-istimi inizjali jissuġġerixxu li l-pandemija ser taffettwa l-aktar ir-reġjuni tan-Nofsinhar tal-UE, u speċjalment dawk b'shem kbir ta' valur miżjud fil-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, it-trasport u l-akkomodazzjoni.

Anke qabel il-kriżi tal-COVID-19, l-ekonomija tal-UE ffaċċjat diversi sfidi strutturali fit-tul. Xi wħud minn dawn ser ikunu aktar akuti fis-snin li ġejjin. B'mod partikolari, soċjetà li qed tixjieħ b'rata mgħaġġla eventwalment ser tnaqqas il-provvista ta' ħaddiema u b'hekk il-potenzjal ta' tkabbir tal-UE. Tkabbir dgħajef fil-produttività jkompli jnaqqas ir-ritmu tat-tkabbir u l-UE għadha lura meta mqabbla maċ-Ċina u l-Istati Uniti fil-proċess ta' trasformazzjoni diġitali. Forza tax-xogħol inqas edukata wkoll qed iżżomm lura t-tkabbir ekonomiku u tagħmilha diffiċli biex dan jiġi rkuprat f'termini ta' produttività. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, it-tranżizzjoni klimatika, li tħalli impatt territorjali mhux uniformi, ser twassal għal spejjeż soċjali u ekonomiċi sinifikanti.

Ir-reġjuni tal-UE mhux biss huma vulnerabbli b'mod mhux uniformi għal dawn l-isfidi iżda wkoll mhumiex mgħammra bl-istess mod biex jindirizzawhom. Dan jista' jwassal għal żieda fid-disparitajiet fis-snin li ġejjin. B'mod partikolari, id-depopolazzjoni li għaddejjja bħalissa taffettwa primarjament ir-reġjuni tal-Lvant u xi reġjuni tan-Nofsinhar tal-UE. It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima ser toqot lil dawk it-territorji li jiddependu ħafna fuq l-attivitajiet ta' tħaffir u estrazzjoni u fuq l-industriji intensivi fil-karbonju u fl-enerġija, li jirfed il-ħsieb tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-karbonju u tal-enerġija hija wkoll mistennija li toqot l-aktar reġjuni periferiċi, billi żżid l-ispejjeż tal-konnessjoni tagħhom mas-suq intern.

B'mod ġenerali, iż-żoni rurali huma partikolarment vulnerabbli. Bħala medja, il-popolazzjoni tagħhom hija diġà akbar fl-età mill-popolazzjoni fil-bliet, fis-subborgi u fl-irħula. Dawn it-tendenzi demografiċi, flimkien ma' nuqqas ta' konnettività, sfidi relatati mal-infrastruttura u mal-produttività u aċċess baxx għas-servizzi pubbliċi inkluż l-edukazzjoni u l-kura, jistgħu jikkontribwixxu biex iż-żoni rurali jsiru inqas attraenti bħala postijiet fejn wieħed jgħix u jaħdem.

Għalhekk huwa kruċjali li tittejjeb ir-reżiljenza tal-ekonomiji reġjonali tal-UE u li tissaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tagħhom għal xokkijiet asimmetriċi. B'mod partikolari, il-pandemija enfasizzat il-fatt li r-reġjuni li jiddependu ħafna fuq f'it setturi biss tal-manifattura jew tas-servizzi huma partikolarment vulnerabbli. Ser tkun meħtieġa diversifikazzjoni akbar tal-attivitajiet ekonomiċi reġjonali, immexxija minn strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, investiment fl-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, u appoġġ kontinwu għal xpruni ta' tkabbir ekonomiku li jibqa' validu għall-futur.

## Opportunitajiet

Biex niffaċċjaw din it-taħlita bla preċedent ta' sfidi fis-snin li ġejjin, il-koleġiżlaturi qablu dwar pakkett massiv ta' appoġġ finanzjarju permezz tat-taħlita tar-riżorsi ta' Next Generation EU u l-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. Permezz ta' artikolazzjoni xierqa tal-istrumenti komplementari disponibbli u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jimmassimizzaw il-benefiċċji mill-kumpliment tal-finanzjament ta' koeżjoni għall-2014-2020, l-Inizjattiva REACT-EU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-allokkazzjonijiet il-ġodda tal-politika ta' koeżjoni għall-2021-2027, inkluż il-finanzjament tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Din it-taħlita ta' strumenti ser tippermetti lill-Istati Membri jagħmlu l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom aktar reżiljenti u ppreparati aħjar għall-futur, filwaqt li fl-istess ħin tikkontribwixxi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Madankollu, sabiex l-UE kollha kemm hi ssir aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti, hemm bżonn li l-ebda persuna u l-ebda reġjun ma jitħallew l-art. Mingħajr din il-garanzija integrata ta' solidarjetà, hemm ir-riskju ta' tkabbir żbilanċjat u mhux sostenibbli, u li jdgħajjef il-fiduċja fid-demokrazija, il-valuri Ewropej u l-proġett Ewropew innifsu.

Għal dan il-għan, huwa kruċjali li tiġi indirizzata s-sitwazzjoni ta' "postijiet li jitħallew l-art", fejn il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika setgħu ħallew warajhom deindustrijalizzazzjoni, degradazzjoni ambjentali u nases tal-ħiliet baxxi. Bl-istess mod, huwa essenzjali li jissaħħaħ ir-rwol tal-bliet u l-irħula ż-żgħar, sabiex dawn ikunu jistgħu jaġixxu bħala ċentri reġjonali li jappoġġaw iż-żoni rurali ġirien; jipprovdu aċċess għal firxa ta' servizzi pubbliċi u privati; u joħolqu prospettivi ekonomiċi ġodda għal reġjuni inqas żviluppati u periferiċi. Dan jinvolvi wkoll l-isfruttament ta' opportunitajiet għaż-żoni rurali biex jibnu fuq l-assi naturali tagħhom bħar-riżorsi naturali, b'mod partikolari għall-enerġija rinnovabbli, il-bijoekonomija, il-produzzjoni u l-ipproċessar sostenibbli tal-ikel u t-turiżmu, biex jissemmev xi wħud minnhom. L-ixpruni ewlenin biex dawn l-isfidi jiġu ffaċċjati b'suċċess huma relatati ma' konnettività mtejba, diversifikazzjoni aktar b'saħħitha tal-attivitajiet ekonomiċi, reżiljenza ambjentali, għat-tibdil fil-klima u soċjali – fil-kuntest ta' komunitajiet lokali awtonomi.

L-appoġġ ta' politiki bbażati fuq il-post, mirfuda minn strateġiji ta' żvilupp territorjali mfaġġa apposta u ankrati f'mekkaniżmi ta' sħubija effettivi minn dejjem kien il-pedament tal-mudell ta' governanza tal-politika ta' koeżjoni. Madankollu, huma meħtieġa mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi ma' strumenti oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jsegwu objettivi differenti u jużaw modi differenti ta' implimentazzjoni.

### ***Mistoqsijiet għad-diskussjoni***

- Kif tista' l-politika ta' koeżjoni titħallat ma' strumenti oħra tal-UE biex ikompli jitnaqqsu d-disparitajiet fl-iżvilupp u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza fuq terminu medju u twil?
  - Kif jistgħu l-ħtiġijiet differenti tar-reġjuni u t-territorji individwali jiġu indirizzati b'mod xieraq u kif tista' l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE titqarreb lejn il-benefiċjarji u ċ-ċittadini?
-